MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Numru. 290/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**KONTRA**

**JEAN CLAUDE CASSAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jean Claude Cassar ta' 37, bin Carmel u Victoria sive Vicky nee' Cilia, mwieled San Giljan fit- 2 ta' Novembru 1974, residenti Flat 5, Lily, Triq Patri Guze' Calleja, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identiat' bin- numru 528374M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) fit- 2 ta' April 2003, ghall- habta tal- 10.45pm u/ jew qabel, u/jew wara l- istess data u hin, fi Triq it- Turisti, kantuniera ma Triq il- Mazzola (Bugibba), u/ jew f' inhawi ohra, gewwa San Pawl il- Bahar, flimkien ma' persuna/i ohra mhux maghrufa, bil- hsieb li jwettaq delitt, cioe' serqa aggravata, wera dan il- hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tal- istess delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill- volonta tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- valur li jeccedi €2329.37 u bil- hin, ghad- detriment tal- koppja Emanuel u Maria Lourdes Fiteni u/jew ta' persuna/i u/jew entitajiet ohra;
2) talli fit- 2 ta' April 2003 ghall- habta tal- 10.45pm u/ jew qabel u/ jew wara l- istess data u hin, f' dawn il- Gzejjer, zamm f' xi fond jew kellu fil- pussess tieghu, that il- kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan- nar, jew munizzjon, elenkati fl- Iskeda II tal- Kapitolu 480 minghajr ma kellu licenzja that l- istess Att;
3) talli fil- lejl bejn id- 29 u t- 30 ta' Marzu 2003 mill- parkegg ta' Malta International Airport, fil- limiti tal- Gudja, ikkommetta serq ta' vettura Peugeot 106, numru tar- registrazzjoni TMK 179, liema serq hu kkwalifikat bil- valur, li jeccedi l- €2329.37, bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa, u li sar ghad- detriment ta' Marshall LTd. u/ jew ta' persuna/i u/ jew entitajiet ohra;
4) talli fit- 2 ta' April 2003 ghall- habta tal- 11.00pm f' Bugibba limiti ta' San Pawl il- Bahar u/ jew fil- jiem ta' qabel, f' dawn il- Gzejjer, saq vettura Peugeot 106 numru tar- registrazzjoni TMK 179, minghajr ma kien kopert b' polza ta' assigurazzjoni;
5) talli fit- 2 ta' April 2003 u/ jew qabel u/ jew wra din id- data, f' dawn il- Gzejjer, xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, jew xjentement b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
6) finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikolu 49,50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati

Maltin, liema sentenzi saru definittivi w li ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta' eghluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi mil-provi prodotti, irrisultaw ippruvati dawk l-imputazzjonijiet li gew ammessi mill-imputat fl-ahhar seduta quddiem din il-Qorti. Dawn huma t-tieni, il-hames u s-sitt imputazzjoni. It-tielet inghatat bhala alternattiva ghall-hames, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Kwantu ghall-ewwel, din ma rrisultatx ippruvata, u ghalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minnha. Ir-raba' imputazzjoni tirrisulta li hi preskritta. Kwantu ghall-piena, tenut kont tal-fedina penali tal-imputat, din ser ikollha tkun wahda ta' prigunerija effettiva, li ma tistax tinghata fil-minimum taghha, u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-piena idoneja hi dik ta' sena prigunerija.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279, 280 u 281, tal- Kapitolu 9 u l- Artikoli 5(1) tal- Kapitolu 480, 261(c)(f)(g), 271, 275 tal- Kapitolu 9, Artikolu 3 tal- Kap 104, Artikolu 334(a), 49, 50, 289, 17, 23, 23B, 31, , 532A, 532B, 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni tat- tieni (2), il- hames (5) u s- sitt (6) akkuzi din il- Qorti qed issib lill- imuptat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija.

Tiddikjara r- raba' (4) akkuza preskritta, tastjeni mit- tielet (3) akkuza u ma ssibux hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------